Minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem li nzammet nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2010 fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv. |

1. Talba

Is-Sindku qal it-talba.
Qabel ma bdiet il-laqgha, is-Sindku introduca lis-Segretarju Ezekuttiv il-gdid, is-Sinjorina Amanda Cauchi u awgura kull success fil-hidma taghha ma dan il-Kunsill. Hu qal li kien perswaz li s-sinjorina Cauchi kienet ser tkun ta ghajnuna kbira fil-hidma taghha fil-Kunsill biex ir-rahal ikompli gej il-quddiem.
Is-Sinjorina Amanda Cauchi irringrazzjat lis-Sindku u weghdet impenn fix-xoghol taghha.

2. Minuti

Wara korrezzjoni tal-minuti, dawn gew approvati.

3. Korrispondenza.

Peress li l-korrispondenza kollha ntbaghtet lill kunsillieri, din ghaddiet bhala moqrija. pero' gew diskussi l-Memos li hargu dan l-ahhar.

a. Dwar Memo 11, il-prezenti qablu li jsaqsu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk l-area ta' Passi tidholx fl-iskema biex tibbenefika minn dawn il-fondi. F'kaz negattiv, il-Kunsill ikunx jista' japplika biex tigi rinovata il-Pjazza Madonna ta' Loretu. Hawn is-Sindku zvela li daqs xahar ilu, gie avvicinat mill-Ministru ghal Ghawdex u fil-prezenza ta' l-Arcipriet tal-Lokalita' giet diskussa r-renovazzjoni ta' din il-Pjazza, in vista ta' regolamenti godda introddotti fil-ligi tal-Kunsill fejn dan il-Kunsill jista' jidhol partner ma entitajiet privati ghal xoghlijiet fil-lokalita' tieghu. Il-Ministru stqarret li tixtieq tghin f'dan il-progett u taf li l-Kunsill ma jistax jidhol wahdu ghal dan il-progett. Il-ftehim li ntlahaq f'din il-laqgha huwa biss li t-tliet entitajiet lesti li jikkooperaw fil-progertt tal-Pjazza Madonna ta' Loretu. Is-Sindku huwa tal-fehema li ser jintlahaq xi kompremess.

b. Giet diskussa ukoll Memo 90/2009 li tirrikwarda skemi ta' fondi specjali ghal Kunsill Lokali.

c. Dwar Memo 6/2010, il-prezenti qablu li jitolbu d-Dipartiment Gvern Lokali biex it-tahrig ghall-Kunsillieri dwar uzu baziku tal-Computer isir go Ghawdex. Jekk dan issir, is-Sur Peter Caruana u s-Sur Joseph Camilleri jixtiequ jattendu.

d. Inqrat ittra ta' l-Onor Dr. Chris Said dwar laqgha ma' l-ECAD li ser issir go Ghawdex fit-23 t'April li gej. Il-membri qablu li jattendu.

e. Waslet talba minghand il-Government Division ghat-tpoggija ta' mwejjed fit-Triq Mgarr, kantuniera ma Triq Sant'Indrija. Il-prezenti ssuggerew li jitwahhal railing b'sahtu fit-tarf tal-bankina fejn ser jitpoggew is-siggijiet u l-imwejjed. Dan ghandu jitwahhal fit-tarf tal-bankina sabiex ikunu protetti in-nies li jkunu ghaddejjijn minn fuq il-bankina. Is-sid ghandu wkoll jikteb lill-ADT ghal kummenti u l-approvazzjoni taghhom kif ukoll approvazzjonijiet ohra minn dipartimenti ohra peress din hi wahda mill-izjed toroq arterjali u traffikuza f'Ghawdex. Ghandu jithalla wkoll access minn fuq il-bankina ghal Triq Sant Andrija.

f. Giet diskussa it-tender tal-knis, u lil min ser tigi moghtija. Is-Sindku qal li qabel tinghata t-tender ghandhom jigu ccarati xi punti, b'mod partikulari l-permess li wiehed irid ikollu minn ghand il-MEPA meta jigi biex jarmi l-materjal tal-knis fil-landfill ix-Xaghra. Is-Segretarju qal li hu kien mar ghand l-Avukat tal-Kunsill biex tevalwa it-tenders u din qaltlu li min ma kellux permess tal-MEPA ma kienx eligibli li jiehu l-offerta. Il-prezenti qablu li jsir appuntament mad-Direttur tal-Kunsill Lokali fuq dan is-suggett u jmorru s-Sindku, l-*ex* segretarju, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv il-gdid. Il-Kunsill ghandu joghqod ghal parir tad-Direttur.

g. Is-Sindku informa lill-prezenti li x-xoghol tat-twaqqih tal-lukanda Mgarr kien kwazi tlesta, biex ikun jista jitla l-progett il-gdid skond il-permess PA 3087/06. Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu ma kienux dahlu lmenti min-nies rigward dan is-suggett. Hu spera li dan il-progett ghandu jibqa jigi moniterjat skond wahda mill-kondizzjonijiet tal-permess.

h. Hawn infethet l-offerta ghal talba biex isir studju dwar "sustainable energy action plan" fil-lokalita' t'Ghajnsielem. Waslet offerta wahda li tammonta ghal Euro 3,700. Il-prezenti ghaddew din il-quotation lill-enginner tal-Kunsill, is-Sur Renzo Curmi ghas-suggerimenti tieghu u qablu li wara, s-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-sur Curmi jiltaghqu ma rapprezentant ta' din il-kumpanija biex jispjega ahjar kif ser isir l-istudju minnha lill-Kunsill ghal energy saving ahjar ghal familji tar-rahal.

i. Is-Sindku qara l-korrispondenza sottomessa mill-MEPA. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni.

4. Bethlehem f'Ghajnsielem

Is-Sindku talab li jkun hawn diskussjoni fuq l-attivita' li sehhet matul ix-xahar ta' Dicembru f'din il-lokalita'. Il-prezenti qablu li Bethlehem f'Ghajnsielem regghet kienet success aqwa minn dak tas-sena l-ohra u

kulhadd hareg sodisfatt. Rega ssemma l-punt dwar dak l-inkwiet li nqala fl-ahhar jiem tax-xahar ta' Settembru meta l-bidwi li qed jahdem ta'Passi oppona li jsir dan il-progett. Il-prezenti qablu li ghandna niktbu lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said u l-Joint Office sabiex tigi solvuta l-problema tal-qbiela darba ghal djjem sabiex ma jergax jigri l-istess ghal din is-sena u nigu mwaqqfa mil-bidwi. Il-prezenti jisperaw li sena ohra dawn l-ilmenti ma jergewx isehhu. Qamet problema dwar jekk ghandux jiggarraf l-ghar centrali li jkun mibni kull sena. Erbgha kunsillieri qablu li tinkiteb ittra lill-Prim Ministru, Ministru ghal-Ghawdex u lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn joggezzjonaw dwar it-tigrif ta' l-ghar principali. Is-Sindku ma qabilx peress li skond il-permess tad-DNO li hareg fuq dan il-progett jindika car u tond li wara li tispicca l-attivita il-post ghandu jerghha jigi ghal l-istat original li kien qabel inkluz it-twaggieh ta' l-ghar. Is-Sinku kompla sahhah il-punt tieghu billi hu ta' l-idea li s-sena d-diehla l-ghar ghandu jinbena f'post differenti minn fejn hu llum biex b'hekk ikun hemm caqliq fl-istruttarata' dan il-progett, u b'hekk tigbed aktar nies. Id-decizjoni baqghet li ghandha tintbaghat l-ittra suggerita. Gie ssuggerit ukoll li ghandha ssir laqgha ma l-ghaqdiet fl-inqas zmien possibbli fuq dan is-suggett.

Joseph Camilleri ilmnenta li t-tabella li kienet saret biex tindika li dan il-presepju hu sponsorjast mill-Kunsill, tnehhiet minn fejn ghamilha hu bil-konsegwenza li hafna nies ma jafux li din l-attivita' hija sponsorjata mill-kunsill, izda mill-Kumitati tar-rahal. Hawn is-Sindku informa lill-prezenti li ftit qabel il-Milied giet fostna Maria Schembri, Direttur tal-Meusac flimkien mas-segretarja taghha Sharon Farrugia biex issir diskussjoni fuq applikazzjoni ghal-ghajnuna finanzjarja mill-E.U. dwar dan il-presepju. Din l-applikazzjoni trid tasal fl-Ufficcju tal-MEUSAC mhux izjed tard minn nofs Frar 2010. Il-fondi allokati ghal din l-attivita jistghu jitilghu sa 50,000 euro. Dawn jinqasmu 60% mill-E.U. u 40% minn min ser japplika. Is-Sindku ikkomunika mas-Sur Franco Ciangura u s-Sur Kevin Cauchi u qablu li peress li z-zmien kien qasir hafna ghandu jigi iffurmat kumitat ta' tmexxija speci ta NGO bejn il-Kumitati tar-rahal.Wara, dan ghandu jkun approvat mill-Kunsill.

Larry Buttigieg ilmenta dwar l-ittri ta' stedin lill V.I.Ps. wahda minnhom lill-Kap ta' l-Oppozizzjoni Dr Joseph Muscat peress li ntbaghtu tard u waslu wara l-festi tal-Milied. Hu qal li anke il-format ta' l-ittra kien inaccettabbli peress li d-dati kienu ristretti. Certu responsabbilitajiet ma kienux ittakiljati bis-serjeta. Is-Sindku qal li l-istedina lill-Dr Joseph Muscat, l-Ispeaker Dr. Louis Galea u l-Arcisquf kien intbaghtu flimkien fil-gimgha ta' wara tal-ftuh tal-presepju mill-Prim Ministru. Setgha gara l-kaz li peress li kien zmien il-Milied u kien hemm volum qawwi ta' xoghol fil-posta, dawn l-inviti waslu tard. Gie deciz li ghal din is-sena, l-inviti jintbaghtu qabel sabiex ma jergghax jigri l-istess. Is-Sur Buttigieg oggezzjona ukoll ghall-Christmas Cards li gew stampati ghax ma ntoghgbux. Innota ukoll li s-Sur Franco Ciangura ta' kull sena jmur jittallab lill-Manager tal-Grand Hotel biex issir "get together" ghal-kull min ghin fil-hidma ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. Ghandu jkun hemm fond ghal dan il-ghan. Dan reggha tenna li ghad

hemm individwi li ghadhom ma jafux li l-ispejjes ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem huma sponsorjati mill-Kunsill. Is-Sindku qabel ma dan u qal li ghandu jkun hemm kumitat li jiehu hsieb dawn l-affarijiet u jkun responsabbli ta'dak kollu li jsir dan il-kumitat.

Joe Camilleri informa lill-prezenti li saru oggetti ghal presepju minn fondi privati biex il-Kunsill ma jkollux access ghalihom bhal statwi u vestwarju.
Is-Sur Peter Caruana ssuggerixxa li ghandhom jizdiedu iktar hwienet tas-snajja.

4. Maternity leave.
Gie diskuss ukoll l-maternity leave ta' l-Ufficcjal Ezekuttiv tal-Kunsill. Is-Segretarju nforma lill-prezenti li dan il-leave suppost li jinbeda' fl-14 ta' Frar. Gie suugerit li fl-assenza taghha jigi mpjegat Anton Zammit. Il-prezenti m'oggezzjonawx, pero din il-problema ser tigi diskussa mad-Direttur fil-laghqa li ghanda ssir mad-direttur fil-kwestjoni tal-knis.

5 Mozzjonijiet f'isem il-membri.
1. Ta' Stephen Mercieca u ssekundata minn Joe Camilleri.
Nipproponi li Triq Manoel Pinto De Fonseca tinghalaq ghat-traffiku tqil peress li hija dejqa u nkonvinjenti ghat-traffiku.
Il-prezenti qablu mas-suggeriment u ghnda tinkiteb ittra lill-ADT fuq dan.

2. Mozzjoni ta' Larry Buttigieg u ssekondat minn Joe Camilleri.
a. Il-ktieb "Bethlehem fil-Qtigh il-Qalb it-tama".
Peress li l-awtur ta' dan il-ktieb, Dr Joseph Mifsud iffoka hafna fuq Betlehem f'Ghajnsielem, ikun xieraq li jinxtraw 100 kopja ta' dan il-ktieb jitqassmu f'dawk il-Kunsilli Lokali li ghandhom libreriji pubbliki. Ghandu jigi pprezentat ukoll ktieb lil-libreriji ta' kull skola f'Ghawdex. Il-kumplament tal-kotba ghandhom jibqghu l-Kunsill u kull sena jigu pprezentati lill-iskola taghna fit-tqassim tal-Price Day. Is-sur Buttigieg kompla jghid li dan kien qed jippromovu peress li l-awtur iffoka hafna fuq Betlehem f'Ghjansielem.

b. Mozzjoni ta' Larry Buttigieg 'Annimali f'Bethlehem f'Ghajnsielem' issekondat minn Peter Caruana.
Larry Buttigieg informa lill-prezenti li hemm individwu li jixtieq jintroduci l-igmla f'Ghawdex u matul ix-xahar ta' Dicembru jislifhom ghad-dispozizzjoni tal-Kumitat li jkun itella' l-attivita' Bethlehem f'Ghajnsielem. Qabel ma' dawn l-annimali jinghataw lill sidhom f' Ghawdex, iridu jaghmlu erbghin jum kwarantina, fejn sid l-annimali jrid ihallas ghall-ispejjez kollha taghhom. Dan qed jitlob lill-Kunsill biex jintervjeni halli dawn l-ispejjez jinhafrulu peress li dawn ser jintuzaw ghal attivitajient kulturali. Il-prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Ministru koncernat fuq kwarantina biex ikun jista jaghti l-ghajnuna tieghu biex jitnaqqsu l-ispejjez lill-individwu li ser idahhal l-igmla. Is-Sindku qal li ghanda tinkiteb ittra wkoll lis-Segretarju Permamenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex biex jaghti l-ghajnuna tieghu wkoll minn naha tal-Ministeru fuq din il-materja.

6. Eco Ghawdex.
Is-Sindku nforma lill prezenti dwar il-laqgha li hu u shabu s-Sindki kellhom mal-Ministru ghal-Ghawdex f'Dicemrbu li ghadda dwar Eco Ghawdex. Din infurmathom bil-progress li sar sa issa. Hija pprezentat ktieb fuq is-suggett u qaltilhom li ser issir propaganda qawwija qabel ma jigi ppubblikat dan il-ktieb. Dan ser jitqassam fid-djar kollha t'Ghawdex. Minn naha tal-Ministeru din ser tkun responsabbli ghal- mixghela tal-pjazezz kollha t'Ghawdex b'sistema ta dwal bl-energy savers. Is-Sindku kompla jghid jekk hemmx xi suggeriment minn naha tal-kunsilliera x'jintbaghtu lill-kumitat ta' l-EKO Ghawdex qabel johrog il-ktieb. Hawn Joe Camilleri issuggerixxa li ghandhom jinghalqu certu toroq f'kull rahal biex jintuzaw biss ghal bicycles. Dan is-suggeriment ser jghaddi ghand il-Kumitat Eco Ghawdex.

7. Performance bonus ta' l-ufficjal ezekuttiv
Il-Kunsill qabel li Ms. Marianne Sagona ghandha tiehu l-full *performance bonous* ta' 6%. Hi dejjem hadmet ghal-gid tar-residenti t'Ghajnsielem.

8. Contract Manager
Wara diskussjoni fuq dan is-suggett is-Sindku qara l-kuntratt li kien gie iffirmat bejn il-contract manager u l-Kunsill tlitt snin ilu. Il-kuntratt kien jghid li wara tlitt snin il-Kunsill jista` jerga johrog l-offerti jew inkella li jekk jirrizulta li l-contract manager ghamel ix-xoghol tieghu tajjeb, il-Kunsill jista jerga' jgedded il-kuntratt ghal-tlitt snin ohra. Il-Kunsilliera qablu kollha li peress li l-contract manager ghamel xoghlu tajjeb hafna matul it-tlitt snin li ghaddew, il-kuntratt ghandu jerga' jigi mgedded lilu ghal-tlitt snin ohra. Is-Sindku u s-Segretrarju Ezekuttiv ghandhom jiltaghqu mal-contract manager biex jiddiskutu l-kuntratt il-gdid. Jekk ma jkunx hemm ftehim allura ghanda tohrog offerta gdida ghal-hatra ta' contract manager.

9. Nazzareno Vassallo Award
Il-Kunsill qabel li jinnomina li Ms. Antonia Spiteri ghal dan il-premju.

6 Materji ohra.
i. Larry Buttigieg ilmenta ukoll li din is-sena ttiehdu decizjonijiet waqt l-esekuzzjoni ta' Bethlehem f'Ghajnsielem minn wara dahar il-Kunsill, bhal per ezempju ghaliex is-sigra tat-tin li kien hemm fil-wied inqalghet minghajr ebda permess. Is-Sindku wiegeb li din kienet qed tostakola il-passagg l-antik li kien jiehu ghal-ta' Passi u b'hekk ikun jista jsir tindif fuq dan il-passagg li kien ta' valur ghal dak iz-zmien.

ii. Is-sur Buttigieg saqsa wkoll x'awtorita ser jibqaghlu l-Kunsill fuq il-bini ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. Is-Sindku wiegeb li din tissolva ruhha izjed 'l quddiem meta tigi sottomessa l-applikazzjoni mill-kumitat bhala N.G.O. bl-ghajnuna tal-MUESEC biex ikunu jistghu jingabu fondi mill-Ewropa u b' hekk il-Kunsill jista jiffranka parti mill-fondi biex jittellgha dan l-avveniment matul ix-xahar ta' Dicembru.

iii. Hawn gew diskussi l-improvement li huma rikjesti li jsiru f'dan il-Kunsill ghaz-zmenijiet tal-lum. Is sur Larry Buttigieg semma li peress li x-xoghol tal-

Kunsill kien dejjem qed jikber kienx il-mument li tohrog applikazzjoni t'ingagg ta' skrivan mal-Kunsill fuq bazi ta' 25 siegha fil-gimgha, kif ukoll li jsir improvemet fl-apparat ta l-electronic equipments fl-ufficcju. Is-Sindku qabel ma dan u qal li peress il-volum ta'xoghol kiber hafna kien wasal il-mument li jigi ingaggat skrivan u jinxtara apparat gdid biex ikun jista jithaffef ix-xoghol fl-ufficju. Gie deciz bi qbil ta' kullhadd li ghandu jinxtara computor gdid ghas-Segretarju Ezekuttiv peres li dak prezenti kien wasal biex jinbidel. Il-kunsilliera qablu li ahjar jinxtara lap top minflok computer. Rigward il-photo copier gie deciz li peress li kull darba li kien qed isir manutenzjoni fuqha l-ispiza kienet qed tkun wisq kbira u ghalhkk kien ikun ahjar li tinxtara wahda jew tinkera. Kien hemm qbil unanimu fuq hekk.

iv. Peter Caruana talab ukoll li jsiru l-bankini fi Triq il-Hamri 'l isfel mill-iskola l-qadima. Li jsiru tabelli ugwali fir-rahal fejn dawn jindikaw ismijiet ta' ristoranti u hwienet ohra. Dan il-punt semmieh ukoll is-segretarju ezekuttiv, peress li l-Kunsill ircieva ilment fuq is-suggett min ghand resident. Dan is-suggeriment ghandu jitwassal ukoll lill-Kumitat Eco Ghawdex.

Mistoqsijiet ta' Joe Camilleri.

i. Tqaxxir ta' hump fi Triq ix-Xatt l-Ahmar.
Dan ix-xoghol ser isir waqt il-kisi bit-tarmac ta' Triq Fawwara u parti mit-Triq il-Hamri. Is-Sindku qal li qabel isir dan ix-xoghol ghanda tigi kkuntatjata l-familja Ciantar fejn kienet hi li ssugeritat li ssir din ir-road hump snin ilu biex ma jaqax ilma l-isfal f'din it-triq ghax kienet qed issir hafna hsara lill-prodott agrikolu taghhom.

ii. Ghaliex l-hamrija li tnehhiet mis-Civic Centre ma tpoggietx wara l-ground kif kien miftiehem.
Is-Sindku wiegeb li din il-hamrija tpoggiet f'post fil-farm ta' l-Agrikultura fix-Xewkija kif suggerit mil-kap ta' dan id-Dipartiment, is-sur Joseph Bonello sabiex din tkun protetta.

iii. Ghaliex ghadha ma saritx ir-rampa fuq il-bankina fi Triq Guzeppi Cauchi quddiem id-dar Ave Maria.
Is-Sindku wiegeb li din issir kemm il-darba din ma tkunx ta' ostakolu jew periklu ghan-nies.

vi. Nissugerixxi li nqabbdu perit biex jassessja l-bini li tiela tal-Grand Hotel li jmiss mal-belvedere.
Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jassessja fuq art privata. Hu qal li l-Grand Hotel qeghda tmiss mal-Belvedere, li hu art tal-Gvern, u li d-Dipartiment tal-Lands qed jassessja li l-hajt tad-divizjoni bejn il-Belvedere u l-Grand Hotel jinbena kif kien originaljament.

viii. Nigbed l-attenzjoni li l-monument tal-gwerra u ta' Fr. B. Hersey jehtigilhom jigu restawrati.
Il-prezenti qablu u x-xoghol ghandu jibda fi ftit gimghat ohra

Joe Camilleri gibed l-attenzjoni ta' shabu li mhux qed tinghata opportunita bizzejjed liz-zaghzagh fir-rigward ta hargiet kulturali. Hu ssuggerixxa li tigi organizzata harga ghal-Malta nhar l-erbgha 10 ta' Frar il-Festa ta' San Pawl fil-belt Valletta. Kullhadd qabel ma dan is-suggeriment.

ix. Joe Camilleri gibed l-attenzjoni ta' shabu li fuq l-iskoll tac-Cawl kien hemm salib u waqa. Gie deciz li tingibed l-attenzjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex biex dan jerga' jsir f'postu.

Is-sur Mercieca ssuggerixxa li jsiru double yellow lines fi Triq il-Gnien quddiem it-trejqa li taghti ghal-Triq Benghazi. Kien hemm ftehim fuq dan.

Is-Sindku informa lill prezenti li giet imnedija competition mill-European Destination of Excellence (EDEN). Is-suggett din is-sena ser ikun fuq attrazzjonijiet turistici fil-bahar (Aquatic Tourism). Hu qal li kellu appuntament ma ufficcjali minn Malta fuq dan il-progett fil-Ministeru ghal Ghawdex u hu kien issuggerixxa li l-Kunsill Lokali t' Ghajnsielem japplika fuq il-bajja tax-Xatt l-Ahmar fejn hemm id-Diving area u fuq il-gzira ta' Kemmuna fejn hemm ukoll id-diving area. Is-Sindku kompla jghid li hu kien gab l-informazjoni kolla rikjesta fuq dawn is-sit u l-Kunsill applika ghal dan l-Award. Ma kienx hemm oggezzjoni.

Il-laqgha giet aggornata ghal nhar il-Hamis, 11 ta' Frar 2010. Il-laqgha ntemmet fil-10 ta' filghaxija.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv